P&SD/413/2019/II

Ċirkulari tal-P&SD Nru. 9/2026

Diviżjoni Dwar Nies u Standards
L-Uffiċċju tal-Prim Ministru
3, Pjazza Kastilja
Il-Belt Valletta, VLT 1062

20 ta' Novembru 2026

Lis-Segretarji Permanenti
Lid-Diretturi Ġenerali
Lid-Diretturi
Lill-Kapijiet ta' Organizzazzjonijiet fis-Settur Pubbliku

Avviż ta' Emenda
Post ta' Information and Communications Technology (ICT) Executive fis-Servizz Pubbliku ta' Malta - Ċirkulari tal-P&SD Nru. 8/2026

B'referenza għas-sejħa interna għall-applikazzjonijiet Ċirkulari tal-P&SD Nru. 8/2026, datata s-6 ta' Novembru 2026, għall-post ta' Information and Communications Technology (ICT) Executive fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, qed jiġi nnotifikat li l-paragrafu 4.2 (i) qed jiġi emendat sabiex jipprovdi li dawk l-applikanti li kienu diġà applikaw għall-Entry to Senior Management Level Programme (Management Toolkit), qabel il-ħruġ tas-sejħa għall-applikazzjonijiet, iżda ma temmewhx minħabba li ma kinux mistiedna mill-Istitut għas-Servizzi Pubbliċi biex jattendu l-moduli li għad fadlilhom, xorta waħda jiġu kkunsidrati, dment li jibagħtu evidenza li ma temmewx il-programm minħabba li ma ġewx mistiedna mill-Istitut għas-Servizzi Pubbliċi biex jattendu l-moduli li għad fadlilhom.

Paragrafu 4.2 (i) qed jiġi emendat biex jinqara kif ġej:

4.2 (i) Aktar minn hekk, kandidati li għadhom ma kisbux formalment jew għadhom mhux approvati għal-kwalifika rikjesta hekk kif speċifikata fil-paragrafi 4.1 (ii) (a) u 4.1 (ii) (b) jew kif indikat f'paragrafu 3.1 tad-dispożizzjonijiet ġenerali https://peopleandstandards.gov.mt/media/PDFs/Resourcing/GenProvs/GeneralProvisions_MT.pdf xorta jiġu kkunsidrati, basta jibagħtu evidenza li jinsabu fl-aħħar fażi tal-kors li jwassal għall-għoti tat-tali kwalifika. Il-persuni maħtura jridu jġibu, jew ġew approvati, għat-tali kwalifika fi żmien sena mid-data tal-ħatra tagħhom. Jekk l-iskadenza għall-kisba tal-imsemmija kwalifika minima ma tintlaħaqx, il-ħatra, għal din ir-raġuni, tiġi revokata**. Aktar minn hekk dawk l-applikanti li kienu diġà applikaw għall-Entry to Senior Management Level Programme (Management Toolkit) speċifikat f'paragrafu 4.1 (iii), qabel il-ħruġ ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, iżda ma temmewhx minħabba li ma kinux mistiedna mill-Istitut għas-Servizzi Pubbliċi biex jattendu l-moduli li għad fadlilhom, xorta waħda jiġu kkunsidrati, dment li jibagħtu evidenza li ma temmewx il-programm minħabba li ma ġewx mistiedna mill-Istitut għas-Servizzi Pubbliċi biex jattendu l-moduli li għad fadlilhom.**

Id-data tal-għeluq f'paragrafu 7.1 qed tiġi estiża mill-5.15 pm (Ħin Ċentrali Ewropew) ta' nhar il-Ġimgħa, 20 ta' Novembru 2026 għall-**5.15 pm (Ħin Ċentrali Ewropew) ta' nhar il-Ġimgħa, 27 ta' Novembru 2026.**

Id-dispożizzjonijiet l-oħra kollha tas-sejħa oriġinali jibqgħu fis-seħħ.

Dawk l-applikanti li applikaw skont is-sejħa msemmija hawn fuq m'għandhomx għalfejn jerġgħu japplikaw.

Joyce Cassar Ph.D.
Segretarju Permanenti (Nies u Standards)